MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2024

Appell Inferjuri Numru 26/2023 LM

**Tano (Gaetano) Farrugia (K.I. nru. 413577M)**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Kummissarju tal-Pulizija**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **il-Kummissarju tal-Pulizija** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'], mis-sentenza *in parte* mogħtija mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], fis-17 ta' Lulju, 2023 [hawnhekk 'is-sentenza *in parte*'], fil-kawża li ġiet istitwita mir-rikorrent **Tano (Gaetano) Farrugia (K.I. nru. 413577M)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellat'], kontra l-istess Kummissarju intimat, wara li dan infurmah permezz ta' ittra

datata 31 ta' Jannar, 2023 l-liċenzja tiegħu ta' Gwardjan Privat kienet ġiet irtirata. Bl-imsemmija sentenza *in parte*, it-Tribunal iddeċieda illi:

> *"Għaldaqstant it-Tribunal, qiegħed jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-Kummissarju intimat u jiddikjara illi l-appell ġie intavolat entro t-terminu preskritt mil-liġi u jordna li l-istess appell ikompli jinstema' fil-mertu.*
>
> *Spejjeż a karigu tal-Kummissarju intimat."*

**Fatti**

2. Permezz tar-rikors ippreżentat minnu quddiem it-Tribunal, ir-rikorrent spjega li huwa kien irċieva ittra bid-data tal-31 ta' Jannar, 2023, li kienet tagħmel riferiment għal-liċenzja tiegħu ta' Gwardjan Privat (numru 15172). Qal li permezz ta' din l-ittra huwa ġie infurmat li l-liċenzja tiegħu ta' Gwardjan Privat kienet qiegħda tiġi irtirata skont kif maħsub fil-Kap. 389 tal-Liġijiet ta' Malta. Qal li din l-ittra ntbagħtet lilu wara li ngħatat is-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta *vs.* Ahmed El Fadali Enan**, deċiża fit-22 t'April, 2022. Qal li l-Kummissarju tal-Pulizija ma setax jieħu id-deċiżjoni tal-31 ta' Jannar, 2023 għaliex is-sentenza msemmija ma kienitx ingħatat fil-konfront tiegħu. Qal ukoll li l-każ li huwa għandu x'jaqsam miegħu ma ġiex kommess fil-gżejjer Maltin, u l-każ quddiem il-Qrati Maltin li jikkonċerna lilu, għadu *sub judice.* Qal ukoll li huwa għadu preżunt innoċenti għaliex ma ngħatat l-ebda sentenza fil-konfront tiegħu, u żied jgħid li l-gravità tal-każ waħedha mhijiex raġuni suffiċjenti biex tiġi rtirata l-liċenzja tiegħu ta' Gwardjan Privat. Kompla jgħid li l-Kummissarju tal-Pulizija ma kellu l-ebda bażi legali sabiex jieħu d-deċiżjoni li jirtiralu l-liċenzja, u l-Kummissarju tal-Pulizija ħa deċiżjoni abbażi ta' informazzjoni li ġiet trasmessa fil-mezzi tax-xandir. Ir-rikorrent qal li l-kondotta

tiegħu hija waħda netta, u huwa dejjem għamel xogħlu b'għaqal u b'responsabbilità, u qatt ma kellu problemi. Qal ukoll li huwa jaqla' l-għajxien tiegħu biss mix-xogħol ta' Gwardjan Privat, u huwa jixtieq li jibqa' jagħmel dan ix-xogħol sabiex ikun jista' jlaħħaq mal-bżonnijiet personali tiegħu. Ir-rikorrent qal li fil-fehma tiegħu d-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija hija waħda skorretta,

u għalhekk għandha terġa' tinħariġlu l-liċenzja ta' Gwardjan Privat sabiex huwa jkun jista' jkompli jagħmel dan ix-xogħol.

3. Il-Kummissarju tal-Pulizija wieġeb li l-appell tar-rikorrent huwa null għaliex ġie pprezentat *fuori termine.* Qal li *ai termini* tal-artikolu 11(3) tal-Kap. 389 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-rikorrent kellu żmien xahar kalendarju sabiex jintavola r-rikors quddiem it-Tribunal. Qal li għalkemm ir-rikorrent irċieva l-avviż tal-irtirar tal-liċenzja ta' Gwardjan Privat fl-1 ta' Frar, 2023, huwa ntavola l-appell tiegħu quddiem it-Tribunal fit-2 ta' Marzu, 2023, u għalhekk dan l-appell tar-rikorrent kien tardiv. L-intimat żied jgħid li t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u għandhom jiġu miċħuda għaliex kuntrarjament għal dak li qal ir-rikorrent, kien hemm raġunijiet validi u b'saħħithom biżżejjed biex jiġġustifikaw id-deċiżjoni li ttieħdet li l-liċenzja ta' Gwardjan Privat tar-rikorrent tiġi rrevokata, u dan abbażi tal-artikolu 10(a)(i) u 10(b) tal-Kap. 389 tal-Liġijiet ta' Malta. Qal li fl-2010, ir-rikorrent kien ġie arrestat ġewwa t-Tuneżija in konnessjoni ma' traffikar tad-droga *cannabis*, u sussegwentement instab ħati u ġie kkundannat għal għoxrin sena ħabs effettivi ġewwa t-Tuneżija. Qal li waqt li kien qiegħed jiskonta din il-piena, ir-rikorrent ingħata l-maħfra presidenzjali fl-2013, u sussegwentement huwa ġie lura Malta. L-intimat spjega li kopja tal-imsemmija kundanna ma ġietx mibgħuta jew miġjuba a konoxxenza

tiegħu, b'konsegwenza illi huwa ħareġ il-liċenzja ta' Gwardjan Privat fit-12 ta' Diċembru, 2020 favur ir-rikorrent, għaliex l-imsemmija kundanna ma kienitx tirriżulta mill-fedina penali tiegħu. L-intimat żied jgħid li meta dan il-fatt ġie a konoxxenza tiegħu, huwa eżerċita s-setgħat mogħtija lilu bil-Kap. 389 tal-Liġijiet ta' Malta, u irtira l-liċenzja, u din id-deċiżjoni ġiet ikkomunikata lir-rikorrent fil-31 ta' Jannar, 2023.

4. L-intimat qal li, kuntrarjament għal dak allegat mir-rikorrent, il-kundanna ta' traffikar ta' droga tinkwadra fl-ambitu ta' *'xi delitt kontra l-fiduċja pubblika jew xi delitt gravi ieħor'*, kif ipprovdut fl-artikolu 10(a)(i) tal-Kap. 389, u r-reat in kwistjoni mhux biss huwa meqjus bħala wieħed serjissimu, iżda saħansitra jista' jattira piena ta' għomor il-ħabs. L-intimat spjega li għalkemm huwa veru li r-rikorrent instab ħati ta' reat minn Qorti barranija, il-leġislatur *ai termini* tal-Kap. 389 ried jagħti setgħa aktar wiesgħa, u ma llimitax ruħhu għal persuni li jkunu nstabu ħatja ta' reat minn Qorti Maltija, iżda l-liġi espressament tobbliga lill-Kummissarju jirrifjuta jew jirtira l-liċenzja ta' Gwardjan Privat fejn persuna tkun *'instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt'*, u dan *ai termini* tal-artikolu 10(a)(i) tal-Kap. 389. Qal li l-fatt li r-rikorrent ingħata maħfra presidenzjali, ma jbiddilx jew jikkanċella l-fatt li huwa nstab ħati, u ġie kkundannat dwar traffikar ta' droga mill-Qorti Tuneżina, u dawn il-fatti jammontaw għal ċirkostanzi serjissimi u jikkostitwixxu delitt gravi kif jipprovdi l-artikolu 10 tal-Kap. 389.

5. L-intimat żied jgħid li meta huwa sab li r-reat li r-rikorrent ġie kkundannat dwaru ġewwa t-Tuneżija jikkostitwixxi bażi għall-irtirar tal-liċenzja *ai termini* tal-artikolu 10(b) ta-Kap. 389, huwa ħa d-deċiżjoni li jirtira tali l-liċenzja, għaliex

mhuwiex fl-interess pubbliku li persuna kkundannata b'reat tant gravi tingħata l-liċenzja ta' gwardjan privat. Żied jgħid li filwaqt li huwa minnu li s-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta *vs.* Ahmed El Fadali Enan** ma kienitx fil-konfront tar-rikorrent, din is-sentenza tikkonferma fatti li r-rikorrent ġie kkundannat dwarhom fit-Tuneżija. L-appellat qal li għalhekk mhuwiex minnu li d-deċiżjoni tiegħu ttieħdet abbażi ta' proċeduri kontra terzi persuni jew abbażi ta' proċeduri li għadhom *sub judice.* L-intimat qal li d-deċiżjoni tiegħu ttieħdet wara li ġew ikkunsidrati l-fatti kollha, u ċ-ċirkostanzi kollha relatati mar-rikorrent, b'mod partikolari s-sentenza barranija li għaddiet in ġudikat. L-intimat kompla jgħid li billi lir-rikorrent ittieħditlu l-liċenzja ta' Gwardjan Privat, ma jfissirx li r-rikorrent huwa prekluż milli jagħmel kwalunkwe xogħol, iżda jfisser biss li ma jistax jagħmel ix-xogħol speċifiku ta' gwardjan privat. Qal ukoll li t-Tribunal lilu ma jistax jordnalu joħroġ il-liċenzja ta' Gwardjan Privat lir-rikorrent, għaliex il-kompetenza tat-Tribunal hija purament waħda ta' reviżjoni ta' deċiżjonijiet, u mhux li jarroga fuq
u l-poter deċiżjonali li għandhom l-awtoritajiet pubbliċi.

**<u>Is-sentenza *in parte* appellata</u>**

6. Permezz tas-sentenza *in parte* appellata, it-Tribunal ċaħad l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat, u iddikjara li l-appell tar-rikorrent ġie intavolat entro t-termninu preskritt mil-liġi, u ordna li l-appell ikompli jinstema' fil-mertu, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"**Ikkunsidra:***
>
> *Illi r-rikorrent ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-Kummissarju intimat komunikata lilu permezz ta' ittra datata 31 ta' Jannar, 2023, li permezz tagħha ġie mgħarraf bis-segwenti:-*

Għandi ninfurmak li l-liċenzja tiegħek ta' Gwardjan Privat, qed tiġi irtirata skont ma hemm maħsub fl-Artikolu 13(1) tal-Att dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità (Kap. 389 tal-Liġijiet ta' Malta). Dan l-irtirar qed isir ai termini tal-Artikoli 10(a)(i) delitt gravi ieħor u 10(b) fl-interess pubbliku, tal-Kap. 389 tal-Liġijiet ta' Malta.

Dan qed iseħħ wara li ġiet ikkunsidrata sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali (Ir-Repubblika ta' Malta vs Ahmed El Fadali Enan) liema sentenza ngħatat, nhar it-22 ta' April, 2022, mill-Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D, dwar Traffikar ta' Droga li fiha jissemma l-involviment tiegħek, kopja annessa.

*Illi permezz tal-ewwel eċċezzjoni l-Kummissarju intimat eċċepixxa illi l-appell tar-rikorrent huwa tardiv u dan stante li huwa rċieva d-deċiżjoni appellata fl-1 ta' Frar, 2023, mentri l-appell ġie ppreżentat fit-2 ta' Marzu, 2023.*

*Illi ai termini tal-artikolu 11(3) tal-Kap. 389 tal-Liġijiet ta' Malta, meta persuna tħossha aggravata mir-rifjut tal-għoti ta' liċenzja għal gwardjan privat, l-istess persuna tista' tippreżenta rikors quddiem dan it-Tribunal sabiex tinħareġ il-liċenzja. Dan ir-rikors għandu jiġi ppreżentat fi* ***żmien xahar kalendarju****. Illi l-każ in eżami mhux każ ta' rifjut għall-ħruġ ta' liċenzja iżda rtirar ta' liċenzja li kienet ġiet konċessa mill-Kummissarju intimat. Illi l-irtirar ta' tali liċenzja huwa regolat bl-artikolu 13 tal-Kap. 389 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi t-Tribunal josserva illi permezz tal-Att XXI tal-2020 dan l-artikolu ġie emendat, fis-sens illi s-subartikolu (3) tiegħu ġie mħassar u dak li kien is-subartikolu (4) ġie ri-enumerat bħala s-subartikolu (3). Illi meta dan it-Tribunal aċċeda għal-liġi minn fuq is-sit elettroniku https://legislation.mt/eli/cap/389/mlt sab illi s-subartikolu (3) tal-artikolu 13 jaqra hekk:*

(3) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 11(3) għandhom *mutatis mutandis* japplikaw għal sottomissjonijiet magħmula mill-Ministru taħt is-subartikolu (3).

*Illi l-intenzjoni tal-leġislatur bl-introduzzjoni tal-Att XXI tal-2020 kienet li jelimina l-poter u d-diskrezzjoni tal-Ministru tal-Intern li jirrevedi deċiżjonijiet tal-Kummissarju intimat wara rifjut, irtirar jew sospensjoni ta' liċenzja għal gwardjan privat. Però t-Tribunal jirrileva illi għal xi raġuni l-artikolu 13(3) ma jirriflettix dan l-ispirtu u probabbilment, bi żvista, għad hemm referenza għall-*"Ministru"*. Illi nonostante dan, it-Tribunal huwa tal-fehma li għandu xorta l-kompetenza li jirrevedi d-deċiżjoni in eżami ladarba fl-Artikolu 13(3) hemm referenza diretta għall-artikolu 11(3) tal-Kap. 389 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Illi l-pern ta' din il-kwistjoni huwa t-tifsira li għandha tingħata lit-terminu "xahar kalendarju". Il-Kummissarju intimat issottometta illi "xahar kalendarju" għandu jingħata l-istess tifsira li wieħed isib fil-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioe:*

**102. Meta ż-żmien legali jew ġudizzjarju għandu jibda jgħodd minn ġurnata stabbilita, dik il-ġurnata ma tingħaddx bħala mdaħħla f'dak iż-żmien; u meta ż-żmien jingħadd bis-sigħat, ma tingħaddx bħala mdaħħla s-siegħa li fiha ssir in-notifika.**

**103. Fil-għadd taż-żmien, il-ġurnata tingħadd ta' erbgħa u għoxrin siegħa, ix-xahar u s-sena jingħaddu skont il-kalendarju.**

*Illi r-rikorrent ġie notifikat bir-rifjut fl-1 ta' Frar, 2023 u dana kif stabbilit anke mir-rappreżentant tal-Maltapost plc li xehdet f'dawn il-proċeduri. Kwindi ż-żmien legali beda jiddekorri mit-2 ta' Frar, 2023.*

*Illi fil-fehma tat-Tribunal, it-terminu* "xahar kalendarju" *jfisser il-perijodu ta' żmien mill-ġurnata partikolari ta' dak ix-xahar sal-ġurnata identika tax-xahar ta' wara i.e. mill-1 ta' Frar sal-1 ta' Marzu huwa xahar kalendarju.*

*Illi kif ġia ingħad aktar 'il fuq, ir-rikorrent ġie notifikat bid-deċiżjoni appellata fl-1 ta' Frar, 2023. B'applikazzjoni tal-artikolu 102 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta (fn. 2 102* – Meta ż-żmien legali jew ġudizzjarju għandu jibda jgħodd minn ġurnata stabbilita, dik il-ġurnata ma tingħaddx bħala mdaħħla f'dak iż-żmien; u meta ż-żmien jingħadd bis-sigħat, ma tingħaddx bħala mdaħħla s-siegħa li fiha ssir in-notifika*), it-terminu għar-risposta jibda jiddekorri mill-għada, u ċioe mit-2 ta' Frar, 2023. Għaldaqstant it-terminu tar-risposta kien jagħlaq fit-2 ta' Marzu, 2023, u ċioe xahar kalendarju minn meta rċieva d-deċiżjoni tar-rifjut. Mill-atti jirriżulta illi l-appell odjern ġie introdott proprju fit-2 ta' Marzu, 2023 u kwindi, fil-fehma tat-Tribunal, ġie ppreżentat fit-terminu stipulat fil-liġi.*

*Illi għalhekk, it-Tribunal iqis li l-ewwel eċċezzjoni tal-Kummissarju intimat hija legalment żbaljata."*

7. Permezz ta' rikors imressaq mill-Kummissarju intimat fl-20 ta' Lulju, 2023 quddiem it-Tribunal, dan talab l-awtorizzazzjoni tal-istess Tribunal sabiex ikun jista' jressaq appell mis-sentenza *in parte* tas-17 ta' Lulju, 2023 qabel is-sentenza finali. It-Tribunal, fid-deċiżjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar, 2024, iddeċieda li l-Kummissarju intimat għandu jiġi awtorizzat jippreżenta appell mis-sentenza *in parte* tat-Tribunal, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

***It-Tribunal,***

*Reġa' ra r-rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija ppreżentat fl-20 ta' Lulju, 2023, liema att ġie rikostruwit peress li ma nstabx, fejn talab l-awtorizzazzjoni ta' dan it-Tribunal sabiex iressaq appell mis-sentenza datata 17 ta' Lulju, 2023 qabel is-sentenza finali;*

*Ra illi Tano (Gaetano) Farrugia ġie notifikat bir-rikors fil-31 ta' Ottubru, 2023;*

*Ra illi fl-10 ta' Novembru, 2023, Tano (Gaetano) Farrugia talab estensjoni ta' żmien entro liema jkun jista' jippreżenta r-risposta tiegħu;*

*Ra d-digriet tat-13 ta' Novembru, 2023, fejn it-Tribunal estenda ż-żmien għar-risposta sas-17 ta' Novembru, 2023;*

*Ra illi minkejja din l-estensjoni, Tonio (Gaetano) Farrugia ma ppreżenta ebda risposta;*

*Ra artikolu 231 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Jawtorizza lill-Kummissarju intimat jippreżenta appell mis-sentenza ta' dan it-Tribunal datata 17 ta' Lulju, 2023."*

## L-Appell

8. Fir-rikors tal-appell imressaq quddiem din il-Qorti fl-24 ta' Jannar, 2024, l-appellant talab it-tħassir tas-sentenza *in parte* appellata, u talab li l-aggravji tiegħu jiġu milqugħa billi l-kawża intavolata mir-rikorrent tiġi ddikjarata *fuori termine.*

9. L-appellant spjega li huwa ħassu aggravat għaliex it-Tribunal ma kienx korrett meta ddeċieda li l-appell tar-rikorrent mid-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija ma kienx *fuori termine.* Qal li l-artikolu 11 tal-Kap. 389 jipprovdi li r-rikors quddiem it-Tribunal għandu jsir fi żmien xahar kalendarju minn meta ir-rikorrent ikun irċieva l-liċenzja jew l-avviż ta' rifjut, u fil-każ odjern jirriżulta li l-appellat ġie notifikat bl-avviż ta' irtirar tal-liċenzja ta' Gwardjan Privat fl-1 ta' Frar, 2023. L-appellant qal li l-punt tat-tluq għandu jkun l-artikolu 103 tal-Kap. 12 tal-Liġjiet ta' Malta, li jistipula li fl-għadd taż-żmien il-ġurnata tingħadd ta'

erbgħa u għoxrin siegħa, u x-xahar u s-sena jingħaddu skont il-kalendarju. Spjega li għalhekk xahar kalendarju għandu jingħadd skont il-kalendarju ta' dak ix-xahar u s-sena, u li x-xahar kalendarju għandu jitqies skont il-kalendarju Gregorjan, b'dan illi ladarba Frar tal-2023 kellu tmienja u għoxrin (28) ġurnata, l-appellat kellu terminu ta' tmienja u għoxrin ġurnata biex iressaq l-appell tiegħu. L-appellant qal li kieku l-leġislatur ried li t-terminu biex wieħed jappella ma jkunx xahar kalendarju, dan kellu jistipulah ċar u tond, għaliex *ubi lex voluit dixit, ubi noluit tacit.* Qal li fejn il-leġislatur ried jistipula terminu fiss għall-appell, per eżempju ta' tletin jum, ġie iffissat dan it-terminu. Qal li f'dan il-każ però, ix-xahar kalendarju għandu jitqies li huwa ta' tmienja u għoxrin jum, u dawn it-tmienja u għoxrin jum kellhom jibdew jingħaddu mill-għada tan-notifika, jiġifieri mit-2 ta' Frar, 2023, b'dan illi t-tmienja u għoxrin jum għall-intavolar tal-appell kellhom jagħlqu fl-1 ta' Marzu, 2023. Qal li anki li kieku wieħed kellu jaċċetta d-definizzjoni tat-Tribunal bħala waħda korretta, jiġifieri li xahar kalendarju jfisser il-perijodu kollu ta' żmien mill-ġurnata partikolari ta' dak ix-xahar sal-ġurnata identika tax-xahar ta' wara, dan xorta waħda jkun ifisser li t-terminu kellu jagħlaq fl-1 ta' Marzu, 2023. Il-Kummissarju appellant qal li l-artikolu 11(3) tal-Kap. 389 jistipula li r-rikors irid ikun intavolat fi żmien xahar kalendarju, imma mit-2 ta' Frar, 2023, sat-2 ta' Marzu, 2023 hemm disgħa u għoxrin (29) jum.

10. L-appellat ma ressaq l-ebda risposta għar-rikors tal-appell tal- appellant.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

11. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju mressaq mill-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fis-sentenza *in parte* appellata.

*L-Aggravju:* *[It-Tribunal kien żbaljat meta ddeċieda li r-rikors tal-appellat quddiem it-Tribunal ġie intavolat fiż-żmien preskritt mil-liġi]*

12. L-appellant jgħid li meta t-Tribunal ċaħad l-ewwel eċċezzjoni tiegħu, liema eċċezzjoni hija marbuta maż-żmien li fih kellu jiġi ntavolat ir-rikors tal-appellat quddiem it-Tribunal, dan ma kienx korrett. L-appellant jikkontendi li ladarba n-notifika tal-ittra tal-irtirar tal-liċenzja tal-appellat saret fl-1 ta' Frar, 2023, u skont l-artikolu 11(3) tal-Kap. 389 dan kellu xahar żmien sabiex jappella minn din is-sentenza, ir-rikors tal-appell quddiem it-Tribunal kellu jidħol sal-1 ta' Marzu, 2023. L-appellant isostni li ladarba Frar tal-2023 kellu tmienja u għoxrin (28) ġurnata, u fil-liġi tagħna x-xhur jitqiesu skont il-kalendarju Gregorjan, ir-rikors tal-appell tal-appellat kellu jidħol quddiem it-Tribunal sa mhux aktar tard mill-1 ta' Marzu, 2023.

13. Il-Qorti tirrileva li l-artikolu 102 tal-Kap. 12 tal-Liġijet ta' Malta jipprovdi illi:

> "Meta ż-żmien legali jew ġudizzjarju għandu jibda jgħodd minn ġurnata stabbilita, dik il-ġurnata ma tingħaddx bħala mdaħħla f'dak iż-żmien, u meta ż-żmien jingħadd bis-sigħat, ma tingħaddx bħala mdaħħla s-siegħa li fiha ssir in-notifika."

14. Dan ifisser li l-ġurnata tal-1 ta' Frar, 2023, m'għandhiex tingħadd meta jiġi kkomputat it-terminu ta' xahar sa meta kellu jiġi ppreżentat ir-rikors tal-appell quddiem it-Tribunal. L-appellant jgħid li ladarba Frar tal-2023 kellu tmienja u għoxrin ġurnata, it-terminu li kellu l-appellat sabiex fih jintavola r-rikors tal-appell tiegħu kien ta' tmienja u għoxrin ġurnata, u għalhekk it-terminu tal-appell tal-appellat skada fl-1 ta' Marzu, 2023. Imma l-Qorti tqis li t-Tribunal kellu raġun fl-interpretazzjoni tiegħu li t-terminu ta' xahar għandu jitqies minn ġurnata f'xahar partikolari sal-istess ġurnata tax-xahar ta' wara, partikolarment f'ċirkostanzi bħal dawk odjerni fejn ix-xahar in meritu inzerta li fih l-anqas jiem li xahar f'sena jista' jkollu. Din l-interpretazzjoni tfisser li ladarba x-xahar ser jibda jgħodd mit-2 ta' Frar, 2023, l-għada li saret in-notifika, l-appellat kellu sat-2 ta' Marzu, 2023, biex iressaq ir-rikors tal-appell tiegħu quddiem it-Tribunal, u għalhekk ir-rikors tal-appell tal-appellat tressaq *entro* t-terminu stipulat fil-liġi. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, tqis li l-appell tal-appellant mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar l-appell odjern, billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma s-sentenza *in parte* appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri fiż-żewġ istanzi, għandhom ikunu a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**